MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 395/2001/1

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socejta' estera CGU Insurance plc. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Magro sija bil-polza u sija bil-ligi – u l-istess Carmel Magro; u b' nota prezentata fis-16 ta' Mejju 2003,* qed tassumi l-atti kollha tal-kawza odjerna u kull fejn jirrikorri l-isem, bhala attur minflok s-socjeta' Gasan Mamo Insurance Agency Limited u din in rappresentanza tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance plc; *u b'digriet tal-Qorti tas-06 ta' April 2004 ordnat li wara d-data 16 ta' Mejju 2003 jizdied il-kliem "is-socjeta GasanMamo Insurance Limited".**
**vs**
**Etienne Debono**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu, l-attruri, wara li jppremettew: illi fit-8 ta' Lulju 2000, gewwa Notabile Road, B' Kara, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karrozza numru CAT 462 huwa habat mal-karrozza numru AAF 208 misjuqa minn u proprjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici u assikurata that polza comprehensive mas-socjeta' attrici; illi dan l-incident gara b' tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi in vista tal-imsemmija polza is-socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghad-danni kagjunati mill-konvenut fil-karrozza assikurata maghha; illi d-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici b' konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal elf, mitejn u hamsa u ghoxrin liri maltin u disgha u sittin centezmi [Lm1,225.69] li jikludu hamsa u ghoxrin lira maltin [Lm25] excess u tlettax il-lira maltin u hamsa u ghoxrin centezmu [Lm13.25] loss of use imhallas mill-assikurat tas-socjeta' attrici, hekk kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex ihallas, huwa baqa' inadempjenti;

Talbu li l-konvenut ghar-ragunijiet premessi jghid ghaliex m' ghandux jigi minn din il-Qorti:

1. Dikjarat unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofffertì mis-socjeta' attrici u mill-assikurat taghha Carmel Magro;
2. Jigu likwidati dawn id-danni fis-somma ta' elf mitejn u hamsa u ghoxrin lira maltin u disgha u sittin centezmu [Lm1,225.69] fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. Jigi kkundannat ihallas lill-atturi in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjez komprizi ghaxar liri maltin u hamsin centezmu [Lm10.50] ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Novembru 2000 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap.104 li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa: 1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-konvenut ma kienx responsabbli ghal incident in kwistjoni liema incident gara minhabba traskuragni u negligenza tas-sewwieq tal-karozza AAF 208; 2. Salv eccezzjonijet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-Atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

**Ikkunsidrat:-**

Illi l-proceduri odjerni orginaw minn incident li sehh fit-8 ta' Lulju 2000 go Notabile Road Birkirkara, vicin is-showroom ta' Fino, bejn il-vettura numru AAF 208 misjuqa mill-attur Carmel Magro u l-vettura CAT 462 misjuqa mill-konvenut.

Rizultat ta' dan l-incident, il-vettura tal-attur, assikurata mas-socjeta' attrici, sofriet danni fis-somma ta' Lm1,187.44 li jinkludi fiha s-survey fee u sehem is-socjeta' mill-loss of use[1], liema somma giet mhallas mis-socjeta' attrici lill-attur. Inoltre, id-danni li sofra l-attur jammontaw ghal tmienja u tletin lira maltin u hamsa u ghoxrin centemzu [Lm38.25] rapprezentanti l-excess imhallas minnu u sehmu mill-loss of use. Ghalhekk id-danni totali jammontaw ghal Lm1,225.69. Dwar dan ma hemmx kuntrast.

Illi z-zewg sewwieqa taw versjoni differenti u opposta tad-dinamika tal-incident. In sostanza, filwaqt li l-attur sostna li kien il-konvenut li nvada n-naha tieghu tat-triq, il-konvenut minn naha tieghu cahad din l-allegazzjoni u sostna li kien il-attur li dahal fuqu meta huwa kien qed isuq fuq in-naha tieghu. Il-Qorti wara ezami rett tal-provi

[1] Affidavit Hugh Zammit 20.09.2001 Fol.23

u tenut kont tac-cirkostanzi li rrizultaw provati, hija tal-fehma li l-versjoni moghtija mill-attur Carmel Magro hija aktar verosimili u affidabbli.

Il-Qorti tosserva li mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti sodisfacentement provati. Meta l-attur kien qieghed isuq fuq l-outer lane sejjer fid-direzzjoni tar-rabat, hin minnhom sab lill-konvenut parzjalment fuq in-naha tieghu tat-triq u b' hekk saret il-kollizzjoni; bir-rizultat li l-vettura tal-attur sofriet danni fuq in-naha xellugi fuq il-mudguard ta' quddiem vicin il-fanal, filwaqt li l-vettura misjuqa mill-konvenut sofriet danni fuq in-naha tal-lemin taghha, kif jidher mill-iskizz tal-pulizija.[2] Jirrizulta li fit minuti jew sekondi qabel l-incidient il-konvenut, li kien ipparkjat mal-bankina fuq in-naha tax-xellug tat-triq, hareg ghal fuq il-lane ta' gewwa fl-istess direzzjoni li kien sejjer l-attur. Kien f' dan il-mument jew ftit sekondi wara, li saret il-kollizzjoni. Il-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz hija tal-fehma li f' dan il-kaz il-konvenut sporga ftit il-barra mill-lane tieghu bir-rizultat li invada l-karreggjata [outer lane] li minnha kien ghaddej l-attur li minn naha tieghu ma setghax jevita l-kollizzjoni.

Illi din il-Qorti ma tara xejn x' ticcensura fis-sewqan tal-attur li kien ghaddej ghad-dritt u bid-dritt fuq il-karreggjata tieghu u ma kellux jistenna li vettura tesporgi mill-karreggjata taghha u tidhol f' tieghu bil-mod kif ghamel il-konvenut. Minn naha tieghu l-konvenut kellu d-dmir li jassigura li l-vettura tieghu tibqa' fil-parametri tal-karreggjata tieghu, u ma tinvadix il-karreggjata l-ohra qabel ma jiehu l-prekawzzjonijiet rikjesti ghal tali manuvra. *Multo magis*, meta kif xehed l-istess konvenut il-karreggjata tieghu fil-post fejn sehh l-incident, kienet ristretta minhabba l-karrozzi li kienu pparkjatai f' dik il-parti tat-triq; u *multo magis* meta l-karreggjata invasa minnu kienet outer lane. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li dan l-incident sehh minhabba li l-konvenut fis-sewqan tieghu naqas li jesercita dik id-diligenza li c-cirkostanzi u l-konfigurazzjoni tat-triq kienu jiddettaw, u ghalhekk ghandu

---
[2] Fol.39

jitqies bhala unikament responsabbli ghall-incident in disamina u ghandu jirrispondi ghad-danni konsegwenzjali.

Ghal dawn il-motivi, previa rigett tal-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident indikat fic-citazzjoni; tillikwida d-danni konsegwenzjali fl-ammont ta' elf mitejn hamsa u ghoxrin lira maltin u disgha u sittin centemzu [Lm1,225.69] kif fuq indikat; u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socejta' attrici is-somma ta' elf mija seba u tmenin lira maltin u erba u erbghin centezmu [Lm1,187.44], u lill-attur is-somma ta' tmienja u tletin lira maltin u hamsa u ghoxrin centemzu [Lm38.25] – kif fuq indikat; oltre l-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, u bl-ispejjez kif mitluba a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------